# Pape Satan Aleppe ...

*Kummiedja f'Att Wieħed ta'* ALBERT M. CASSOLA
*(Jaqbad mal-Għadd ta' Diċembru, 1948)*

DEMONJU : Ħati ta' ereżija...

LUĊIFRU : Żomm hemm; insomma mhux Santinu żgur. Itfgħu ma' sħabu fis-sitt ċirku, tielet klassi intermedja. Il-lejla narġa' narah.

ĠUDA KAROTA : Skużi, Belżebù, imma nfurmawkom ħażin. Jien ma ġejtx hawn għax ereżjarka...

DEMONJU : Mhux għax ereżjarka biss imma għax traditur ukoll. (*Jaqra*) L-akkuża tgħid : "Fl-ewwel kap, Ġuda Karota jinsab ħati ta' ereżija; fit-tieni kap, ħati ta' tradiment lejn pajjiżu..."

LUĊIFRU : Mela tista' tqiegħdu fl-ewwel klassi tad-disa' ċirku u mbagħad nerġgħu nitkellmu. Eħlisni minnu. Neħħihuli minn quddiemi. L-ieħor, l-ieħor fix inhu sadattant?

DEMONJU : Ħalli nieħu lil Ġuda.

ĠUDA KAROTA : Jien nipprotesta, Belżebù...

LUĊIFRU : Qabbiżuli 'l barra (*lil DEMONJU*).

DEMONJU : (*lil ĠUDA KAROTA*) Imxi, suq...

ĠUDA KAROTA : Imma jien... Stennew daqsxejn... Ħalli ngħidilkom......

DEMONJU : Mhux issa : barra. Imbagħad Satana jarġa' jarak. (*iqaċċtu 'l barra, minn denbu, u joħroġ miegħu*).

LUĊIFRU : (*imgħaddab, jaqbad it-telefon*) Operator, qiegħda tħawwadli d-dinja, ċjoè l-infern. Għedt li sa jibagħtuli lil ċertu Santinu u minfloku ġieni ħaddieħor. Le, xejn, m'hemmx skużi : int moħħok mahux f'loku : inti moħħok iċċempel lil xi xitan li għandek grazzja miegħu u ma taqdinix sewwa lili. Imma talli tagħmel dan inqallgħek sittin daqqa frosta. Ma rrid naf b'xejn (*Isabbat ir-receiver*).

DEMONJU : Rasu iebsa dan Ġuda, rasu iebsa, o Satana.

LUĊIFRU : Hawnhekk irattabha malajr! U Santinu għadu ma ma wasalx... X'ħin sar?

DEMONJU : Il-ħdax u ħamsa u għoxrin, Satana. Iddawwar sewwa...

Santinu : (*minn barra l-bieb*) Ifthuli! Ifthuli! Ifthuli l-bieb.
Luċifru : Dan min hu?
Demonju : Dal-leħen qatt ma smajtu hawn ġew għalkemm jidhirli li nafu. Ma sata' daħal ħadd hawn ġew bla ma qalulek, Satana.
Luċifru : Ma tistax tgħid. Sar hawn taħwid wisq. Sirna repubblika. Kulħadd jitnikker, kulħadd jitgħażżen, kulħadd jipprova jiskarta x-xogħol. Ma niskantax li jkun daħal xi xitan ġdid u ma għarrfunix. Imma ħażin għalihom; għax nagħmel waħda minn tiegħi.
Santinu : Ifthuli għax m'iniex nara fid-dlam.
Demonju : Jekk mhux Santinu! Il-vuċi qisha tiegħu. Imma allura kif sata' daħal bla ma għarrfuna xejn...
Luċifru : Tiskantax li hu. L-operator sa nwaħħlilha xebgħa foxxna. Ma tafx fejn hi rasha. Ma tafx x'inhi tagħmel. Għandha moħħa mtajjar wisq.
Santinu : Sa tifthuli jew narġa' nitla' 'l fuq?
Demonju : Dana Santinu żgur. Din x'biċċa hi? Sa mmur niftaħlu, ja biċċa ta' xitan.
Luċifru : Iftaħ u ddumx. U ġibu hawn quddiemi.

*DEMONJU jmur jiftaħlu. Jidħol SANTINU liebes ta' anġlu, kollu abjad u bil-ġwinħajn. Għandu bagalja f'idu. LUĊIFRU u DEMONJU jibqgħu miblugħin.*

Luċifru : (*imniġġeċ*) Min bagħtek hawn? Min libbsek hekk? Hawn ġej biċ-ċajt?...
Santinu : (*qisu mhux hu*) Lili qed tgħid?
Luċifru : Iva, lilek; mela lil min?...
Santinu : Hawnhekk jien ġejt biex nara lill-ħabib tiegħi, dak id-demonju... (*għal DEMONJU*).
Demonju : (*imniġġeċ għall-aħħar*) Għandek il-wiċċ issa wkoll, ukoll wara mewti... Sa tibqa' tippersegwitani?... Min bagħtek hawn?... Liebes hekk...
Santinu : Oqgħod hemm int u tindaħalx.
Demonju : Għandek tkun għadek ma tafnix lili...
Santinu : U ngħid nafekx! Ma tbiddilt xejn int minn mindu kont nafek fuq l-art. Dejjem demonju kont. Min jaf kemm bgħattni għand boxxla xjaten: fl-aħħar ġejt magħhom int!

Demonju : U int ukoll...

Santinu : Jien ġejt minħabba fik, biex nara lilek, biex inkun żgur li inti qiegħed f'postok u mmur 'ura b'rasi mistrieħa.

Luċifru : X'int tħawwad, għidli ftit? Jekk int ġejt hawn biex toqgħod, merħba bik! Aħna iżjed ma nkunu iżjed aħjar. Iktar ma jikber in-numru tas-sudditi tiegħi iżjed jikber il-poter li għandi. Imma fil-kas, mur biddel dik il-libsa li tfakkarni fiż-żminijiet sbieħ meta jien kont bħalek u isbaħ minnek... Mur ilbes l-uniformi tagħna.

Santinu : Li jien sabiħ persważ imma li int qatt stajt kont sabiħ ma nistax nemmen.

Luċifru : Jiena Luċifru! Jiena, jaħasra, kont l-isbaħ anġlu.

Demonju : Luċifru kien l-isbaħ anġlu tal-ġenna.

Santinu : U issa l-ikraħ demonju ta' l-infern.

Luċifru : Kemm kont sabiħ jaħasra! Madankollu jaħasra xejn : għax jien setgħan u kbir; jien il-kap ta' miljuni u miljuni ta' sudditi. Għalija aħjar insaltan fl-infern milli nservi xi mkien ieħor. Imma sadattant għadek ma għedtlix sewwa x'ġiebek hawnhekk u intix għal magħna. Jiena nistqarrlek li dawn ixxjaten ħadu'i rasi u ma nafx fejn jien. X'inhu jsir hawn ġew ma nistax nifhem. Qed iħawduli wisq. La kont naf bik u xejn. Hadd ma għarrafni b'xejn.

Demonju : Jew forsi... imma le... kif jista' jkun...

Santinu : Għid, x'kont sa tgħid, int?

Demonju : Le, xejn.

Santinu : Hallik minn xejn : oħrogħa, tkellem.

Demonju : Għaddieli ħsieb.. Għedt forsi inti tlift it-triq u bqajt nieżel hawn.

Santinu : It-triq ma tliftha xejn. Jien naf biżżejjed mnejn għandi ngħaddi. Biex ġejt hawnhekk lanqas ta' gwidi ma kelli bżonn. Imxejt fuq il-mappa u ma żbaljajtx. Il-ġografija ta' l-infern malajr tgħallimtha, avolja hawn il-kobor.

Demonju : Imma, narġa' u ngħid, il-kundanna tiegħek żgur għall-infern kienet. Traditur bħalek! Hawnhekk int ġejt biex tibqa'.

LUĊIFRU : Skond l-informazzjonijiet tiegħi, int għall-infern.

DEMONJU : Mhux billi lbist ta' anġlu! Int dejjem ta' hekk ridt tgħaddi kieku, ukoll fuq l-art; imma jiena naf... jiena naf tajjeb x'anġlu fik!...

LUĊIFRU : Inti akkużat li ttradejt diversi rġiel ħbieb tiegħek u fosthom lil dan is-sudditu tiegħi ħawn magħna. Tant hu hekk li fis-sagħtejn ta' l-agunija tiegħek dan id-demonju ġġieled bis-sħiħ mal-għadu tiegħu imma spiċċa biex rebaħ hu. Meta Ċensa l-Mewt, il-messaġġiera tiegħi, ħaditek magħha dan id-demonju ħareġ trijonfanti għax kien rebaħ hu.

DEMONJU : Jien irnexxieli niġbdek miegħi ħalli npattilek ta' kulma għamiltli.

SANTINU : (*jibda jidħak igħajjat u jferfer ġwenħajh qisu sa jtir*) Imbeċilli!

LUĊIFRU : X'int tidħak bħalek? Hawnhekk m'aħniex tad-daħk!

DEMONJU : X'int tferfer ġwenħajk, qisek għasfur tal-bejt?

LUĊIFRU : Żomm serju quddiem Luċifru r-re u imperatur. Għidilna ftit x'inhi dil-biċċa. Kif ġejt hawnhekk taħt dik is-sura?

DEMONJU : Obdi lis-sultan tiegħek: ara x'saqsiek.

LUĊIFRU : Obdi!

SANTINU : Luċifru sultan u skjav.

LUĊIFRU : Irsir m'iniex...

SANTINU : Luċifru sultan tax-xjaten imma skjav tas-suppervja u l-ambizzjoni.

DEMONJU : Isma' x'inhu jgħid, Satana. Xi lsien ħażin! Luċifru prinċep!

LUĊIFRU : Issa jkun jaf ma' min qiegħed jagħmilha. Nurih malajr! Agħtih mitt daqqa foxxna. Sawtu kemm tiflaħ.

DEMONJU : Bil-qalb, Satana. (*DEMONJU jmur biex isawtu iżda SANTINU jtajru minn ħdejh u jaqilbu fl-art. DEMONJU wara li tant ikun feraħ, issa jibda jgiddem difrejh*).

SANTINU : Ma tistgħux għalija, intom. Jien aqwa minnkom.

LUĊIFRU : (*imnixxef*) Dan kif? (*lil SANTINU*) Allura tassew li int m'intiex demonju, subaltern tiegħi. (*lil DEMONJU*) Allura inti wkoll, demonju ċkejken, qar-

raqt bija. Int għedtli li l-ħabib tiegħek Santinu rbaħtu int! Mela mhux tassew! Int ma rbaħt xejn!

DEMONJU: Aħfirli, Satana. Hekk mingħalija jien. Possibbli li ħadt żbal!? Din l-ewwel darba li ġrali hekk. Jien m'għandix tort...

LUĊIFRU: Għandek u nofs u taqla' xebgħa kif imiss minn għandi stess.

DEMONJU: Le, le, jaħasra! Għadni ma nistax nemmen. Jien għalija rbaħt. Saqsih daqsxejn kif kienet il-biċċa.

LUĊIFRU: Tindaħaliix. Ħallini nagħmel jien. M'int tajjeb għal xejn. Ma tiswa xejn. (*idur fuq SANTINU*) Ladarba ma nistax għaliik, ikolli nbaxxi rasi u nitolbok tispjegali din il-biċċa kif inhi. (*jiftakar f'DEMONJU*) Imma stenna ftit. Mhux quddiem sudditu tiegħi. Dan qatt ma jkun. (*lil DEMONJU*) Itlaq 'il barra, int! Ma rridekx tisma'. Oħroġ.

DEMONJU: Ħallini, Satana. Għandi kurżità li ma ngħidx biex nara kif...

LUĊIFRU: Itlaq 'il barra, għedtlek! U titbigħedx minn hawn biex jekk inkun irridek insejjaħlek.

DEMONJU: Serv tiegħek (*joħroġ*).

LUĊIFRU: Għidli, issa li aħna waħedna, wiċċ imbwiċċ, fissirli ftit, jekk jogħġbok, dil-prasputa. Għalfejn ġejt hawn? Xi trid? Kif sibt irkabtu? Għaliex dan id-demonju qalli li int għal magħna fil-waqt illi m'intix? Għaliex?

SANTINU: Bil-mod. Hudha bil-mod. Toqgħod tisħon xejn għax għandek sħana ta' forn hawn ġew.

LUĊIFRU: Min-nar x'tistenna? Hawn dejjem hekk.

SANTINU: Imma insomma, ara, tridx tiftaħ xi tieqa għax la noħroġ nieħu riħ.

LUĊIFRU: Kemm inti furjuż?

SANTINU: Kemm jogħġobni, qalbi. Jien m'iniex imdorri hawn. Iftaħ it-twieqi għax qed ixoqq il-għaraq għalija. Rewwaħli ftit.

LUĊIFRU: It-twieqi ma niftaħhomx. Nibża' li xi demonju jfettillu jaħrabli. Hawn kollha xjaten, taf. Kollha tentazzjonijiet. U ħadd m'hu qiegħed hawn għal qalbu.

SANTINU: Barra minni. Jien hawn ġejt għal ftit. Imma l-ftit

li sa noqgħod sa jkun għal qalbi ħafna. Biss sħana wisq. Jekk tibża' tiftaħ it-twieqi, islifni palju.

LUĊIFRU : Palju nagħtik. Hu tiegħi. (*Jisilfu palju*). Issa għidli. Irrakkuntali. Spjegali ftit.

(*jissokta*)